# FTIT TAGĦRIF FUQ IL-FESTA ESTERNA TA' SANT'ELENA B'KARA (1838-1885)

minn Winston L. Zammit B.A. (Hons.) M.A.

Il-festa ta' Sant Elena li hija t-titular tal-knisja kolleġġjata u Bażilika ta' B'Kara, hija waħda mill-festi popolari ta' pajjiżna, u għaliha jmorru nies mill-inħawi kollha ta' Malta.

Din il-festa għandha karatteristika ewlenija u din hija li l-purċissjoni bil-vara titulari ssir filgħodu qabel il-quddiesa solenni Prepositali tal-festa. Qabel ma saret il-vara titulari, xogħol ta' l-iskultur Bormliż Salvu Psaila (1837)[1], il-purċissjoni kienet issir biss bir-relikwija tal-quddisa.[2]

Nafu li fl-1866, il-purċissjoni tal-festa ta' Sant'Elena li kienet numeruża ħarġet madwar it-tmienja u ma daħlitx lura fil-knisja qabel l-għaxra neqsin kwart[3], filwaqt li fl-1880 il-purċissjoni ħarġet madwar is-sebgħa u nofs u daħlet lura fil-knisja għal madwar id-disgħa u kwart[4].

Il-gazzetta "Malta Times" tat-23 ta' Awissu 1884 tkellmet hekk fuq il-purċissjoni ta' nhar Sant' Elena ta' dik is-sena. "Early on Monday morning (18) the good people of B'Kara were aster, and each train from Valletta and Notable also brought large numbers of people anxious to witness the procession which made its exit from the church at 8 o'clock, which attracted much interest and admiration from its great length and imposing appearance"[5]

## IL-MIXGĦEI A

Il-Profs Ġużè Galea fil-ktieb tiegħu, "Xogħol u Snajja ta' l-Imgħoddi" jgħidilna li qabel mad-dawl elettriku xtered, il-mixgħela fil-festi kienet issir permezz ta' tazzi taż-żejt ta' bosta lwien[6] u l-istess jidher li kien isir f' B'Kara fil-festa ta' Santa Liena. Fl-1855 nsibu li saret mixgħela mar-raħal kollu lejliet il-festa filgħaxija[7] filwaqt li fis-sena ta' wara (1856), insibu li l-faċċata tal-kolleġġjata Elenjana kienet "elegantamente illuminata con lampade di cristallo"[8] Għaxar snin wara (1866) nsibu li lejliet il-festa minn barra l-mixgħela tal-faċċata tal-knisja saret ukoll mixgħela fit-toroq prinċipali tar-raħal.[9] Il-Mixgħela tissemma ukoll fil-festa ta' l-1869, u f'lejliet il-festa ta' l-1872[10]. Rigward il-festa ta' l-1880. gazzatta lokali semmiet le "grandi lummine sparse qua e la", li jidher iżda li saru lejlet il-festa[11].

## IL-LOGĦOB TAN-NAR.

F'gazzatta ta' l-1838 nsibu li konkors straordinarju ta' nies marru B'Kara "per vedere i magnifici fuochi d'artificio la sera di detta festa".[12]

Sbatax-il sena wara (1855), nsibu li lejlet il-festa fil-għaxija "towards 10 o'clock firewoks were let off". F'din is-sena wkoll ġie Malta għal żjara il-prinċep-eredi ta' l-Olanda William; huwa mar B'Kara għall-festa ta' Sant'Elena u skond gazzatta lokali "was much pleased with the display of fireworks"[13].

Fis-sena ta' wara 1856 nerġgħu niltaqgħu mal-logħob tan-nar lejliet il-festa, fil-fatt gazzatta tgħidilna li "Alle ore dieci si diede principio ad un bel gioco pirotecnico il quale venne molto piacuto per la diversita' dei colori"[14]

Fl-okkażjoni tal-festa ta' l-1859 il-logħob tan-nar kellu jkun żgħir[15] lejlet il-festa tas-snin 1866, 1867, kien hemm ukoll logħob ta' nar żgħir[16]. Huwa wisq probabbli li f'dawn is-snin li għadna kemm semmejna 1859, 1866, 1867 il-logħob tan-nar kien żgħir minħabba l-fatt li bejn is-snin 1860-1866, il-knisja kellha ħafna spejjes, billi tkompla l-bini tagħha, fil-fatt kien f'dan il-perjodu li fost affarijiet oħrajn imbnew is-Sagrestija tax-xellug u l-Awla Kapitulari[17]

Rigward il-festa ta' l-1884 insibu li kien hemm ukoll il-logħob tan-nar lejliet il-festa; fuqu l-gazzatta Malta Times tgħidilna li "a pyrotechnic display of moderate extent signalled by capering rockets of great brilliancy attracted an immense concourse of people". Minn dan it-tagħrif jidher li fil-perjodu li qegħdin nitkellmu fuqu l-logħob tan-nar aktarx li kien isir biss lejlet il-festa fil-għaxija.[18]

## IL-BANED

Lejlet il-Festa ta' l-1856 insibu li kien hemm palk fil-pjazza għall-Mużika, li fuqu ndaqqu biċċiet magħżula. Għaxar snin wara fl-1866, insibu li kien hemm banda lejlet il-festa, filwaqt li fis-sena ta' wara lejlet il-festa daqqet il-banda tat-Tmien Reġiment taħt it-tmexxija tas-Sur Filippu Galea[19]. Iżda fis-snin ta' wara n-numru ta' baned beda jiżdied. Kronaka tal-festa ta' l-1868 tgħidilna li lejliet il-festa kien hemm banda fil-pjazza taħt id-direzzjoni tas-Surmast Galea, iżda l-istess kronaka ssemmi wkoll li kien hemm żewġ baned oħra.[20] Lejliet il-festa, filwaqt li f'kronaka tal-festa tas-sena ta' wara jissemmew "tre buonissime bande musicali"

Fil-festa ta' l-1872, nsibu li quddiem folla kbira ġie esegwit l-Innu ad unur ta' Sant' Elena, mużika tas-Surmast Tumas Galea u kliem tas-Saċerdot Dr. Dun Ġwann Bugeja S. Th. D. [22], filwaqt li għall-festa ta' l-1880; insibu li kien hemm erba' baned, u milli jidher dawn ilkoll daqqu lejliet il-festa.[23]

Lejliet il-festa ta' Santa Liena ta' l-1884, li ħabat il-Ħadd, nsibu li sar marċ f'nofs inhar mill-banda tal-post. Iżda nsibu wkoll li dak inhar li kien hemm xi pjanċieri armati li fuqhom daqqew il-baned "Is-surmast Tumas Galea, mexxa l-kant ta' l-Innu ad unur ta' Sant'Elena, li ġie esegwit minn kor ta' tletin ruħ.[24].

## IT-TIĠRIJIET

Seba' snin ilu, fl-okkażjoni ta' l-1650 Anniversarju tal-mewt ta' Sant' Elena (328-1978) saru t-tiġrijiet tal-bhejjem. Iżda nsibu li dawn saru wkoll xi drabi oħra fis-seklu l-ieħor.

Fl-okkażjoni tal-festa ta' l-1848, saru t-tiġrijiet tal-bhejjem Gazzetta lokali tgħidilna li f'dik is-sena l-festa ta' Sant'Elena, "attracted some thousands of persons as a race was given there for the first time. At the tolling of the 'Ave

Maria' the roads were lined with horses, mules and asses". Jidher li aktarx li din kienet l-ewwel darba li saru t-tiġrijiet tal-bhejjem.[25]

Bejn is-snin 1849-1884 ma ltqajt ma' ebda tagħrif dwar it-tiġrijiet tal-bhejjem. Biss jidher li għal xi żmien kienu nqatgħu, għax meta reġgħu saru fl-1885, gazzetta lokali ddeskriviet dawn it-tġrijiet bħala ġodda.[26]

Iżda minn barra t-tiġrijiet tal-bhejjem fis-seklu l-ieħor ġie li saru wkoll tiġrijiet għan-nies. Gazzetta lokali tgħidilna li nhar it-18 t'Awissu ta' l-1884, wara nofs inhar, saru t-tiġrijiet għan-nies ġewwa "Vallone Birkirkara". Skond l-istess gazzetta dawn kienu jikkonsistu "of three races, for married men, lads and boys, the prizes being an american hat and a silk scarf for each race". Fl-istess gazzetta nsibu wkoll, li dawn it-tiġrijiet kienu jsiru fl-istess post xi sittin sena qabel, iżda kienu twaqqfu, minħabba xi ġlied.[27]

## L-ARMAR TA' BARRA

Mit-tiftix li għamilt s'issa ltqajt biss ma' riferenza waħda għall-armar ta' barra, u din tirreferi għall-festa ta' Sant'Elena ta' l-1884. Skond gazzetta, t-toroq li kienu mżejna sabiħ "presented a very fine appearance, ornamental lamp posts being erected in close succession, which were tastefully arranged with motto shields surrounded with different coloured flags and bunches of evergreens and connected along almost the entire village with garlands of flowers to which numberless little oil lamps were suspended. F'din il-kronaka jissemmew l-istatwi, li kienu armati fl-iżjed postijiet ċentrali.[28]

1. W.L. Zammit. Statue of St. Helen, Heritage No. 40 p.787.
2. E.B. Vella "Storja ta' B'Kara bil-Kolleġġjata Tagħha" (Malta 1934)
3. L'Ordine 21-IX-1866
4. Il Risorgimento 24-VIII-1880.
5. The Malta Times, 23-VIII-1884.
6. G. Galea "Xogħol u Snajja ta' l-Imgħoddi" (Malta 1972) p.44.
7. The Malta Times, 21-VIII-18558. Il Filantropo Maltese 20-VIII-1856.
9. L'Ordine 21-IX-1866.
10. La Croce di Malta, 24-VIII-1869, Il Portafoglio Maltese 27-VIII-1872.
11. Il Risorgimento 24-VIII-1880.
12. Il Mediterraneo 22-VIII-1838.
13. The Malta Times, 21-VIII-1855, 28-VIII-1855.
14. The Filantropo Maltese 20-VIII-1855.
15. Il-Gazzettier Malti 10-VIII-1859.
16. L-Ordine 21-IX-1866, 23-VIII-1867, Il Portafoglio Maltese 21-VIII-1868.
17. L'Ordine 21-IX-1866.
18. The Malta Times 23-VIII-1884.
19. Il-Filantropo Maltese 20-VIII-1856, L'Ordine 21-IX-1866, 23-VIII-1867.
20. Il-Portafoglio Maltese 21-VIII-1868.
21. La Croce di Malta, 24-VIII-1869.
22. Il-Portafoglio Maltese 27-VIII-1872.
23. Il Risorgimento 24-VIII-1880.
24. The Malta Times 23-VIII- 1884.
25. Ibid, 22-VIII-1848.
26. Gazzetta di Malta, Corriere Mercantile Maltese, 19-VIII-1885.
27. The Malta Times 23-VIII-1884.
28. Ibid.